TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Fl-atti tat-Talba CCT 91/25/F

**Silvio Camilleri**

**vs**

**Mandy Galea – Crab and Whale**

Illum, 12 ta' Diċembru 2025

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar l-10 ta' Mejju 2025;

Ra li minkejja li ġiet debitament notifikata bl-atti, l-Intimata ma ppreżentatx Risposta;

Sema' x-xhieda bil-ġurament tal-partijiet;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tat-talba tiegħu, ir-Rikorrenti qed jitlob li jiġi rifuż is-somma ta' erba mija u disgħin Euro (€490) rappreżentanti l-prezz li huwa ħallas għal żewġ twapet li ordna fis-17 t'Ottubru 2024 minn negozju onlajn ġestit mill-Intimata. Speċifikament jispjega li li kien hemm promozzjoni "*double the fun for the price of one – buy one get one free deal on all items*". In suċċint, ir-Rikorrent jispjega li sa Frar 2025, it-twapet kienu għadhom ma ġewx konsenjati u meta lmenta mal-Intimata, ġie mogħti

l-għażla li jew jikkonsenjaw wieħed mit-tapiti li ordna[1] u joffrulu tapit ieħor bi skont ta' 50% jew alternattivament, li jagħżel prodott ieħor b'xejn minflok it-tieni tapit skontat. Jgħid li huwa insista għal rifużjoni sħiħa stante li t-twapet kollha li kien ordna oriġinarjament ma kienux disponibbli. Fl-20 ta' Marzu 2025, sar attentat ta' konsenja ta' tapit wieħed minn naħa tal-Intimata tramite l-Maltapost, liema konsenja r-Rikorrent jgħid li huwa rrifjuta.

Illi fix-xhieda tagħha, in iskritt, l-Intimata tgħid li minn naħa tagħha, kienu offrew li jikkonsenjaw it-tapit imħallas kif ukoll tapit ieħor milli kellhom *in stock* (u kif jifhem it-Tribunal mhux eżattament kif ordna r-Rikorrent) minħabba li kif tispjega, l-offerta tal-*buy one get one free* kienet tapplika strettament fuq prodotti li jkunu *in stock*. Issa f'dan il-każ, skont l-ispjega li tagħti l-Intimata, kull ma kellha disponibbli kien it-tapit 'Azteca' filwaqt li t-twapet l-oħrajn kellhom jiġu ordnati apposta għalih. Sfortunatament, it-twapet kienu *out of stock* mingħand is-*supplier* ukoll u allura kien ser ikun impossibbli li tiġi onorata l-ordni tar-Rikorrent kif magħmula.

In risposta ta' dan, ir-Rikorrent jgħid li kien qagħad speċifikament attent li t-twapet li ordna kienu disponibbli *in stock* skont l-informazzjoni fuq is-sit u mhux bi *pre-order* u jirreferi għal telefonata mingħand l-Intimata fit-28 ta' Jannar 2025 li fiha allegatament qalet li ser ikun intotolat għal rifużjoni sħiħa kemm il-darba ma jinstabux alternattivi idoneji għat-twapet li kien ordna.

Illi t-Tribunal iqis li l-asserzjoni tar-Rikorrent li meta daħħal l-ordni fis-17 t'Ottubru 2025 it-twapet kienu kollha jidhru bħala disponibbli fuq il-ħanut onlajn tal-Intimata hija sorretta bl-imejl ta' konferma li fil-fatt ġiet ippreżentata minnu. Din ma fiha l-ebda indikazzjoni li hemm uħud mill-prodotti *out of stock* u allura esklużi mill-offerta[2]. Dan huwa ukoll indirettament ammess minn dak li tiddikjara l-Intimata u ċioè li "*even if they were marked as in stock, we called him right away and informed him that they were not and that they were subject to cancellation*". Allura jirriżulta sal grad rikjest li l-Intimata, bħala kummerċjant, ma setgħetx tonora l-ordni tar-Rikorrent kif magħmula u aċċettata.

Illi r-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur (L.S.378.17), li jirregolaw id-*distance selling* bħal ma huwa ħanut onlajn, jgħidu hekk:

> 20.(1) Sakemm il-partijiet ma jkunux qablu mod ieħor dwar it-terminu tal-kunsinna, il-kummerċjant għandu jwassal l-oġġetti billi jittrasferixxi l-pussess fiżiku jew il-kontroll tal-oġġetti lill-konsumatur mingħajr dewmien żejjed,

[1] u li, kif jifhem it-Tribunal, kien ħallas il-prezz sħiħ għalih.

[2] Dan għax ir-riklam fuq il-paġna Facebook tan-negozju tal-Intimata kien jindika li l-offerta "*applies to products in stock only*".

iżda mhux iktar tard minn tletin (30) jum minn dak li fih ġie konkluż il-kuntratt.

(2) Meta l-kummerċjant ikun naqas milli jissodisfa l-obbligu tiegħu biex iwassal l-oġġetti fiż-żmien miftiehem mal-konsumatur jew fiż-żmien stabbilit fis-subregolament (1), il-konsumatur għandu jitolbu jagħmel il-kunsinna f'perjodu ta' żmien addizzjonali xieraq għaċ-ċirkostanzi. Jekk il-kummerċjant jonqos milli jwassal l-oġġetti f'dak il-perjodu ta' żmien addizzjonali xieraq, il-konsumatur għandu jkollu d-dritt iġib il-kuntratt fit-tmiem.

[...]

(3) Meta l-kuntratt jiġi tterminat, il-kummerċjant għandu, mingħajr dewmien żejjed, jrodd lura l-ammonti kollha mħallsa għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

Illi milli provi prodotti jidher li effettivament qatt ma saret konsenja tal-prodotti kollha skont l-ordni magħmula[3] u aċċettata minkejja għadd ġmielu ta' korrispondenza minn naħa tar-Rikorrent u l-mogħdija ta' ħafna aktar minn tletin jum, għalhekk, japplika l-provvediment legali appena msemmi. In kwantu ta' rimedju, it-Tribunal għandu jiddikjara l-kuntratt ta' bejgħ bħala terminat u konsegwentament jordna lill-Intimata tirrifondi lir-Rikorrent l-ammont kollu mħallas minnu, dan ukoll skont ma qed jitlob ir-Rikorrent f'dawn il-proċeduri.

**Deċiżjoni:**

**Għalqastant, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba hekk:**

**1.Jiddikjara l-kuntratt ta' bejgħ bejn ir-Rikorrent u l-Intimata bħala xolt;**

**2.Konsegwentament, jordna lill-Intimata tirrifondi lir-Rikorrent is-somma ta' erba mija u disgħin Euro (€490).**

[3] Ir-Rikorrent jiddikjara bil-ġurament li ma għandu fil-pussess tiegħu l-ebda mit-tlett twapet minħabba li tnejn qatt ma ntbagħtu u huwa rrifjuta l-konsenja tal-wieħed mibgħut minħabba li l-Intimata ma onoratx l-ordni kollha kif magħmula. Mill-banda l-oħra, kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2025, l-Intimata ġiet mistiedna mit-Tribunal sabiex fi żmien għaxart' ijiem, tissottometti prova, jekk hemm, ta' konsenja pożittiva tal-ewwel tapit. L-Intimata ma ppreżentat xejn u allura l-allegazzjoni tagħha li kienet saret konsenja parzjali pożittiva tal-ordni ma tiffiżultax pruvata. Ankè li kieku stess, l-ordni kienet tikkonċerna tlett' itwapet u allura qatt ma jista' jitqies li l-Intimata adempiet l-obbligu tagħha b'mod sħiħ.

**L-ispejjeż kollha jinġarru mill-Intimata u l-imgħax legali jgħodd minn din is-sentenza.**

**Avv. Mattia Felice LL.B., LL.D. (Melit.), ECPC-B (Maastricht)**
***Arbitru***